



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Jannar 2022
(OR. en)

15053/21

LIMITE

CORLX 704
CFSP/PESC 1244
COLAC 96

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin Nikaragwa

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720 dwar miżuri restrittivi
fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u
l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-14 ta' Ottubru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720¹ dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa.
- (2) Fit-8 ta' Novembru 2021, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") ħareġ dikjarazzjoni fisem l-Unjoni li fiha enfasizza li l-elezzjonijiet li saru fin-Nikaragwa fis-7 ta' Novembru 2021 saru mingħajr garanziji demokratiċi u r-riżultati tagħhom huma nieqsa mil-leġittimità. Huwa ddikjara li l-Gvern tan-Nikaragwa ċaħħad lill-poplu tan-Nikaragwa mid-dritt ċivili u politiku li jivvota f'elezzjoni kredibbli, inklużiva, ġusta u trasparenti, kif ukoll mil-libertà ta' espressjoni, ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda paċifika tiegħu. Ir-Rappreżentant Għoli indika li l-Unjoni tinsab lesta li tikkunsidra l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħha, inkluż miżuri restrittivi addizzjonali.
- (3) Fid-dawl tas-sitwazzjoni gravi kontinwa fin-Nikaragwa, jenħtieġ li seba' individwi u tliet entitajiet jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi stabbilita fl-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1720 tal-14 ta' Ottubru 2019 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa (ĠU L 262, 15.10.2019, p. 58).

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni (PEŠK) 2019/1720 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-Anness għad-Deċiżjoni (PEŠK) 2019/1720 huwa emendat kif ġej:

(1) l-intestatura tat-tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

"A. Persuni fiżiċi msemmija fl-Artikoli 1(1) u 2(1)";

(2) il-persuni fiżiċi li ġejjin jiżiedu mat-tabella:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"15.	Camila Antonia ORTEGA MURILLO	<p>Pożizzjoni: Bint Daniel Ortega u Rosario Murillo, Konsulent għall-Presidenza, Koordinatur tal-Kummissjoni għal Ekonomija Kreattiva, Direttur tal-istazzjon televiżiv Canal 13</p> <p>Data tat-twelid: 4.11.1987</p> <p>Post tat-twelid: Managua, in-Nikaragwa</p> <p>Sess: mara</p> <p>Nazzjonalità: Nikaragwana</p> <p>Numru tal-passaport: A00000114 (Nikaragwa)</p> <p>Numru tal-ID: 001-041187-0001B</p>	<p>Camila Antonia Ortega Murillo, hija involuta mill-qrib f'azzjonijiet li jappoġġaw lill-koppja presidenzjali Daniel Ortega u Rosario Murillo, bħala konsulent għall-Presidenza, assistent personali tal-Viċi President u Koordinatur tal-Kummissjoni Nazzjonali għal Ekonomija Kreattiva. Hija wkoll id-Direttur tal-pjattaforma Nicaragua Diseña u tal-istazzjon televiżiv Canal 13.</p> <p>Hija responsabbli għall-użu ta' Nicaragua Diseña biex tappoġġa l-elezzjonijiet presidenzjali u parlamentari frodulenti, li saru fis-7 ta' Novembru 2021, billi ħolqot kontijiet foloz fuq pjattaformi differenti tal-media soċjali.</p>	+

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Bħala d-Direttur ta' Canal 13, hija kkontribwiet għat-tixrid tad-diskors ta' mibegħda tar-reġim ta' Ortega kontra l-oppożizzjoni ċivika, filwaqt li llimitat il-pluralità editorjali u ppersegwitat ġurnalisti u mezzi tal-media indipendenti fin-Nikaragwa, biex b'hekk eliminat il-libertà tal-espressjoni u l-kompetizzjoni elettorali reali. Hija kellha rwol ċentrali fit-trażżin tal-pluraliżmu politiku u d-dizartikolazzjoni definittiva tad-demokrazija tan-Nikaragwa.</p> <p>Hija għalhekk assoċjata ma' persuni responsabbli għall-imminar tad-demokrazija u għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u hija qed tappoġġa tali repressjoni u ksur.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
16.	Laureano Facundo ORTEGA MURILLO	Iben Daniel Ortega u Rosario Murillo, Konsulent għall-Presidenza Data tat-twelid: 20.11.1982 Post tat-twelid: Managua, in-Nikaragwa Sess: raġel Nazzjonalità: Nikaragwana Numru tal-passaport: A00000684 (Nikaragwa) Numru tal-ID: 001-201182-0046M	Laureano Facundo Ortega Murillo huwa involut mill-qrib f'azzjonijiet li jappoġġaw lill-koppja presidenzjali Daniel Ortega u Rosario Murillo, bħala konsulent għall-Presidenza. Huwa ġġustifika u appoġġa l-priġunerija arbitrarja u illegali ta' mexxejja tal-oppożizzjoni politika u prekandidati presidenzjali tan-Nikaragwa, mexxejja studenteski u rurali jew ġurnalisti indipendenti, li kollha kemm huma rrefera għalihom bħala "terroristi". Billi kkontribwixxa għall-eliminazzjoni tal-kompetizzjoni elettoralni reali, huwa kellu rwol ċentrali fit-trażżin tal-pluraliżmu politiku u d-dizartikolazzjoni definittiva tad-demokrazija tan-Nikaragwa.	+

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Huwa aġixxa bħala konsulent ekonomiku għal missieru Daniel Ortega u r-reġim ta' Ortega permezz tal-aġenzija governattiva ProNicaragua. Barra minn hekk, huwa responsabbli għall-operat ta' BanCorp – entità li l-għan ewlieni tagħha huwa li tassisti, tisponsorja u tappoġġa finanzjarjament l-attivitajiet repressivi ta' ommu, il-Viċi President Rosario Murillo.</p> <p>Huwa għalhekk assoċjat ma' persuni responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u huwa qed jappoġġa tali repressjoni u ksur.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
17.	Brenda Isabel ROCHA CHACÓN	President tal-Kunsill Elettorali Suprem Data tat-twelid: 10.2.1967 Post tat-twelid: Bonanza, in-Nikaragwa Sess: mara Nazzjonalità: Nikaragwana	Brenda Isabel Rocha Chacón ilha minn Mejju 2021 President tal-Kunsill Elettorali Suprem (Supreme Electoral Council-SEC) – korp responsabbli għat-tħejjija, l-organizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-elezzjonijiet ġenerali tas-7 ta' Novembru 2021, li, minħabba n-nuqqas ta' trasparenza tagħhom, ta' oppożizzjoni vera u ta' dibattitu demokratiku, dgħajjef l-istituzzjonijiet u l-proċessi demokratiċi. Is-SEC ċaħħad lill-oppożizzjoni mill-opportunità li toħroġ għal elezzjonijiet ħielsa u żgura l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet f'kondizzjonijiet mhux demokratiċi. Għalhekk hija responsabbli għar-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika u għall-imminar tad-demokrazija u l-istat tad-dritt fin-Nikaragwa.	+

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
18.	Cairo Melvin AMADOR ARRIETA	Viċi-President tal-Kunsill Elettorali Suprem Data tat-twelid: 1952 Sess: raġel Nazjonalità: Nikaragwana	Cairo Melvin Amador Arrieta ilu minn Mejju 2021 il-Viċi-President tal-Kunsill Elettorali Suprem (SEC) – korp responsabbli għat-tnejn, l-organizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-elezzjonijiet ġenerali tas-7 ta' Novembru 2021, li minħabba n-nuqqas ta' trasparenza tagħhom, ta' oppożizzjoni vera u ta' dibattitu demokratiku, dgħajef l-istituzzjonijiet u l-proċessi demokratiċi. Is-SEC ċaħħad lill-oppożizzjoni mill-opportunità li toħroġ għall-elezzjonijiet u żgura l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet f'kondizzjonijiet mhux demokratiċi. Għalhekk huwa responsabbli għar-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika u għall-imminar tad-demokrazija u l-istat tad-dritt fin-Nikaragwa.	+

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
19.	Lumberto Ignacio CAMPBELL HOOKER	<p>Membru tal-Kunsill Elettorali Suprem, aġent President tal-Kunsill Elettorali Suprem fl-2018</p> <p>Data tat-twelid: 03.12.1949</p> <p>Post tat-twelid: Raas, Nicaragwa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Nazzjonalità: Nikaragwana</p> <p>Numru tal-passaport: A00001109 (Nikaragwa)</p> <p>Numru tal-ID: 6010302490003J</p>	<p>Lumberto Ignacio Campbell Hooker ilu mill-2014 membru tal-Kunsill Elettorali Suprem (SEC) – korp responsabbli għat-tnejn, l-organizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-elezzjonijiet ġenerali tas-7 ta' Novembru 2021, li minħabba n-nuqqas ta' trasparenza tagħhom, ta' oppożizzjoni vera u ta' dibattitu demokratiku, dgħajjed l-istituzzjonijiet u l-proċessi demokratiċi. Is-SEC ċaħħad lill-oppożizzjoni mill-opportunità li toħroġ għal elezzjonijiet ħielsa u żgura l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet f'kondizzjonijiet mhux demokratiċi.</p> <p>Huwa tkellem mal-media matul l-elezzjonijiet tas-7 ta' Novembru 2021, u ġġustifika u faħħar l-organizzazzjoni tagħhom.</p> <p>Għalhekk huwa responsabbli għar-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika u għall-imminar tad-demokrazija u l-istat tad-dritt fin-Nikaragwa.</p>	+

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
20.	Nahima Janett DÍAZ FLORES	<p>Direttur tal-Istitut tan-Nikaragwa għat-Telekomunikazzjoni u s-Servizzi tal-Posta, bint id-Direttur Ġenerali tal-Pulizija Nazzjonali tan-Nikaragwa Francisco Javier Díaz Madriz</p> <p>Data tat-twelid: 28.6.1989</p> <p>Sess: mara</p> <p>Nazzjonalità: Nikaragwana</p>	<p>Nahima Janett Díaz Flores hija d-Direttur tal-Istitut tan-Nikaragwa għat-Telekomunikazzjoni u s-Servizzi tal-Posta (Nicaraguan Institute of Telecommunications and Posts-TELCOR), l-entità regolatorja għat-telekomunikazzjoni u s-servizzi tal-posta. TELCOR intuża mill-awtoritajiet tan-Nikaragwa biex isikket lill-media indipendenti, inkluż tliet organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet mill-2018. Matul il-kampanja tal-elezzjonijiet ġenerali tal-2021, TELCOR kien qed jimplementa kampanji ta' diżinformazzjoni fuq skala kbira. Bħala l-istituzzjoni responsabbli mill-implimentazzjoni tal-"liġi dwar iċ-ċibersigurtà", TELCOR kien qed imexxi u jopera azzjonijiet ta' sorveljanza fir-rigward tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.</p>	+

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Fil-pożizzjoni tagħha, Nahima Díaz Flores aġixxiet bħala sostenitur tar-reġim ta' Ortega, u kienet mexxiet u operat azzjonijiet ta' diżinformazzjoni u sorveljanza permezz ta' TELCOR fir-rigward tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika. Hija għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika, u għad-dgħajfien tad-demokrazija fin-Nikaragwa.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
21.	Luis Ángel MONTENEGRO ESPINOZA	<p>Supretendent tas-Suprintendenza tal-Banek u Istituzzjonijiet Finanzjarji oħra tan-Nikaragwa Data tat-twelid: 1.1.1949</p> <p>Post tat-twelid: Esteli, in-Nikaragwa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Indirizz: Planes De Puntaldia Casa #16, Managua, Nicaragua</p> <p>Nazzjonalità: Nikaragwana</p> <p>Numru tal-ID: 1610101490000S</p>	<p>Luis Ángel Montenegro Espinoza huwa s-Supretendent tas-Suprintendenza tal-Banek u Istituzzjonijiet Finanzjarji oħra tan-Nikaragwa (Superintendency of Banks and other Financial Institutions - (SIBOIF). F' dik il-pożizzjoni huwa responsabbli għall-persekuzzjoni tal-atturi finanzjarji li rreżistew il-politiki tar-reġim ta' Ortega, kif ukoll għall-infurzar tal-kontroll tar-reġim fuq is-settur finanzjarju.</p> <p>Hu nħatar għal dik il-pożizzjoni direttament minn Daniel Ortega, bħala premju għal-lealtà tiegħu. Fir-rwol preċedenti tiegħu bħala Kontrollur Ġenerali tar-Repubblika huwa żgura li l-attivitajiet finanzjarji korrotti ta' Ortega ma jiġux awditjati u kkontribwixxa bl-istess mod għall-kontroll tar-reġim min-naħa ta' Ortega.</p> <p>Huwa għalhekk responsabbli għall-imminar tal-istat tad-dritt fin-Nikaragwa kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.</p>	+";

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(3) jiżdiedu l-intestatura u t-tabella li ġejjin:

"B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 2(1)

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1.	Pulizija Nazzjonali tan-Nikaragwa La Policía Nacional Nicaragüense	Kwartieri ġenerali: Managua, in-Nikaragwa Data tal-istabbiliment: 22.08.1979 Sit web: http://www.policia.gob.ni/	Il-Pulizija Nazzjonali tan-Nikaragwa hija responsabbli għat-trattament degradanti, inkluż tortura fiżika u psikoloġika, ta' dawk li opponew ir-reġim ta' Ortega. Hija responsabbli għall-priġunerija illegali ta' prekandidati presidenzjali, mexxejja tas-soċjetà ċivili, mexxejja studenteski u rurali jew ġurnalisti indipendenti mingħajr ebda garanzija legali u demokratika.	+

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Il-Pulizija Nazzjonali kienet strumentali biex Daniel Ortega jevita li jiffaċċa kwalunkwe oppożizzjoni demokratika reali matul l-elezzjonijiet ġenerali tas-7 ta' Novembru 2021. Qabel dawk l-elezzjonijiet, il-Pulizija Nazzjonali wettqet sorveljanza u persekuzzjoni kontinwi tal-mexxejja tal-oppożizzjoni, dħul illegali fid-djar residenzjali, u arresti arbitrari ta' membri tal-oppożizzjoni, u heddet b'mod sistematiku impjegati pubbliċi.</p> <p>Fl-2018, il-Pulizija Nazzjonali kienet involuta fil-qtil ta' dimostranti paċifiċi madwar in-Nikaragwa.</p> <p>Il-Pulizija Nazzjonali tan-Nikaragwa hija għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika, u għad-dgħajfen tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt fin-Nikaragwa.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2.	Kunsill Elettorali Suprem Consejo Supremo Electoral	Indirizz: Pista Juan Pablo II, Managua 14005, Nicaragua Sit web: https://www.cse.gob.ni/ Email: info@cse.gob.ni	Il-Kunsill Elettorali Suprem (SEC) huwa l-korp responsabbli għat-tnejn, l-organizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-elezzjonijiet ġenerali tas-7 ta' Novembru 2021, li minħabba n-nuqqas ta' trasparenza tagħhom, ta' oppożizzjoni vera u ta' dibattitu demokratiku, dgħajef l-istituzzjonijiet u l-proċessi demokratiċi. Is-SEC ċaħħad lill-oppożizzjoni mill-opportunità li toħroġ għal elezzjonijiet ħielsa u żgura l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet f'kondizzjonijiet mhux demokratiċi. Is-SEC huwa għaldaqstant responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, kif ukoll għall-imminar serju tad-demokrazija u l-istat tad-dritt fin-Nikaragwa.	+

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
3.	L-Istitut tan-Nikaragwa għat-Telekomunikazzjoni u s-Servizzi tal-Posta	<p>Indirizz: Avenida Bolívar, Esquina diagonal al edificio de la Cancillería, Aptdo 2664, Managua, 10000, Nicaragua</p> <p>Data ta' reġistrazzjoni: 12.6.1982</p> <p>Sit web: https://www.telcor.gob.ni</p>	<p>L-Istitut tan-Nikaragwa għat-Telekomunikazzjoni u s-Servizzi tal-Posta (TELCOR) huwa l-entità regolatorja għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni u postali. Dan intuża mill-awtoritajiet tan-Nikaragwa biex isikket lill-media indipendenti, inkluż tliet organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet mill-2018 'l hawn, matul ir-repressjoni tal-2018 u wara l-elezzjonijiet ġenerali tal-2021. Matul il-kampanja tal-elezzjonijiet ġenerali, TELCOR kien qed jimplimenta kampanja ta' diżinformazzjoni fuq skala kbira. Bħala l-istituzzjoni responsabbli mill-implimentazzjoni tal-"liġi dwar iċ-ċibersigurtà", TELCOR kien qed imexxi u jopera azzjonijiet ta' sorveljanza fir-rigward tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.</p> <p>TELCOR huwa għaldaqstant responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.</p>	+''.

+ ĠU: daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.